



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7398/22

CSDP/PSDC 158
CFSP/PESC 401
EUMC 96
MAMA 48
RELEX 378
CONUN 66
CSC 112
EUNAVFOR MED 8
PSC DEC 7

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1748 (EUNAVFOR MED IRINI/2/2022)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/...

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1748
(EUNAVFOR MED IRINI/2/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

¹ ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta -id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbilixxa u nieda operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI), taħt il-kmand tal-Viċi Ammirall Fabio AGOSTINI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.
- (2) Skont id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI.
- (3) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1748¹, li taħtar il-Komodor Michail MAGKOS bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI.
- (4) Fl-14 ta' Marzu 2022, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kaptan tal-Forza Navali Fabrizio RUTTERI biex jieħu post il-Komodor Michail MAGKOS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI mill-1 ta' April 2022. Dawk l-awtoritajiet indikaw li l-Kaptan Fabrizio RUTTERI ser jiġi promoss għal Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/1748 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/561 (EUNAVFOR MED IRINI/4/2021) (ĠU L 350, 4.10.2021, p. 7).

- (5) Fis-16 ta' Marzu 2022, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni li saret mill-awtoritajiet militari Taljani.
- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall Fabrizio RUTTERI.
- (7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1748 titħassar.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Fabrizio RUTTERI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-1 ta' April 2022.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1748 (EUNAVFOR MED IRINI/4/2021) hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' April 2022.

Magħmul fi... ,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
